**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa b'urġenza Numru 58**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier (online)
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier (online)
Doris Zammit – Kunsillier (online)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**
ĦADD.

58.1 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.1.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nżammet il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti u sidien tal-ħwienet ta' Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja, fejn jidher li l-proġett propost mill-Kunsill intlaqa' tajjeb ħafna. Kellna xi issues mal-Għaqda Armar, rigward xi pilandri, iżda din l-issue qed nieħdu ħsiebha mal-Perit tal-Kunsill. Nhar it-Tlieta 18 ta' April inħarġet it-tender għal dan il-proġett. It-tender tagħlaq fit-28 t'April u qed nippjanaw li naġġudikaw it-tender sal-aħħar tax-xahar. Biex b'hekk ma nkunux in breach of contract.

Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni sabiex il-Perit jara li l-parking isir b'mod sigur. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma' kif waqt il-laqgħa ġie propost biex il-parkeġġ faċċata ta' Triq Antonio Muscat Fenech, isir fishbone, bil-għan li l-parkeġġi li se jitneħħew min-naħa t'isfel ta' Triq il-Vitorja, jiġu mirbuħa f'din iz-zona.

Il-Kunsillier Doris Zammit ġibdet l-attenzjoni dwar il-bankina ta' quddiem il-Knisja, fejn il-Kunsill għandu jiżgura li takkomoda persuni li jużaw siġġu tar-roti.

58.1.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma li bħalma forsi ġie nnutat bdew jitneħħew il-bins li kellna madwar il-lokalita', tal-bring-in sites. Dawn il-bins tneħħew minn Greenpak, għaliex mhux se tibqa' topera. Sadanittant sar kuntatt minn GreenMT fejn intlabna laqgħa fejn se nkunu qed niddiskutu r-replacement tal-bring-in sites. Din il-laqgħa se tinżamm nhar l-Erbgħa 26 ta' April fil-11a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku nfurma li se jkun qed jitlob li GreenMT tinstalla CCTV Kameras sabiex issir sorveljanza u jitnaqqsu l-abbużi ta' rimi ta' skart.

58.1.3 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma li kif jaf kulħadd, l-Kunsill għandu bosta problemi bl-iskart. Is-Sindku nforma li l-Kunsill għamilha ċara mad-Dipartiment, Reġjun u Ministeri li mhux se jkun qed jagħmel tajjeb għal spejjeż relatati ma' skart kummerċjali. Is-Sindku issuġġerixxa li tintbagħat ittra f'kull residenza fejn ir-residenti jerġgħu jingħataw informazzjoni dwar x'għandu jintefa' fil-boroż tal-iskart u nerġgħu ngħadduhom l-iskeda, forsi intaffu l-problemi li għandna. Saret diskussjoni bejn il-membri fejn il-Kunsill jorganizza kampanja edukattiva fost it-tfal, fl-iskejjel tagħna kif ukoll fuq il-mezzi soċjali. Il-Kunsillier Martina Grech saħqet fuq l-importanza li jsir branding ġdid tal-Kunsill, billi jitqabbad designer li jkun responsabbli mill-medja soċjali tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li ġaladarba l-Kunsill m'għadux responsabbli, m'għandux jitgħabba b'din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għadu responsabbli mill-ġbir tal-iskart, bid-differenza li l-Kuntratt qed jiġi immaniġġjat mir-Reġjun.
Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma' l-importanza li l-Kunsill jaħdem sabiex ir-residenti jibdew jiddisponu mill-iskart bl-aħjar mod possibbli.

58.1.4 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li aktar kmieni din il-ġimgħa saret laqgħa mal-kuntrattur li rebaħ il-kuntratt Upgrading of Soft Flooring and Play Equipment of Ġnien Iż--Żgħożija in Triq il-Kummerċ. Il-materjal ġie ordnat u huwa mistenni li malli jasal il-materjal jinbeda x-xogħol b'mod immedjat. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk hux se jsiru CCTV Cameras. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li se jkunu qed isiru. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli semma' l-kwistjoni tal-gabbana li qed tarma fi Triq il-Kummerċ, fejn is-sid ikkapparra zona mill-ġnien bl-imwejjed u siġġijiet. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li min suppost jinforza l-liġijiet mhu jagħmel assolutament xejn, anzi jara li ma jirritax il-businesses.

58.1.5 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nżammet laqgħa ma' żewġ kuntratti li jfornu l-playing equipment dwar il-playing field ta' Ġnien de la Cruz. Is-Sindku nfurma li l nħarġu l-works orders sabiex jinbidel ir-rubber flooring u jiġi miżjud xi playing equipment.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li Ġnien de la Cruz jinsab f'telqa sħiħa, fejn il-Kunsill għandu problemi kbar bid-dawl tal-ġnien. Saret site inspection mal-kuntrattur tal-iStreet Lighting u tana stima għal installar ta' 25 arblu ġdid, liema stima tammonta għal € 131,700.

Is-Sindku qal li minħabba li l-istima hija waħda għolja, x-xogħol se jkun qed jinqasam f'fażijiet. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir f'daqqa għaliex dawn l-ispejjeż xorta jridu jsiru.

Il-Kunsillier Ralph Puli qal li jkun għaqli jekk il-Kunsill jara liema parti se jkun responsabbli għaliha, sabiex ma jinħolqux diffikultajiet mal-Awtorita' tal-Artijiet aktar 'l quddiem.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill, legalment huwa responsabbli miż-żamma fi stat tajjeb tal-playingfields u ma jistax jibqa' jistenna d-devoluzzjoni tal-art, meta l-Kunsill huwa konxju li hemm periklu kontinwu.

58.1.6 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa għandna problema bil-librerija ta' San Ġorġ, għaliex dawn spiċċaw mingħajr post fejn joperaw. Is-

Segretarju Eżekuttiv għaddiet korrispondenza lill-Ministru Clifton Grima bil-għan li jiġi pprovdut container li nxtara mill-istess Ministeru. Is-Sindku qal li bħala Kunsill irridu nidentifikaw sit fejn jista' jsir dan il-container jekk dejjem jingħata lill-Kunsill. Wara diskussjoni bejn il-membri ntlaħaq qbil li jekk kemm-il darba l-container jingħata lill-Kunsill, dan jitpoġġa fiz-zona Ta' Farżina. Qabel il-kwistjoni dwar il-proġett ta' Pjazza Federico Maempel, li fih kellha tinbena binja għal-librerija lokali, iżda sal-lum jidher li l-proġett għadu lura ħafna sabiex jinbeda. Il-membri qablu li tintbagħat korrispondenza lil INDIS għat-timelines tal-proġett, filwaqt li tintbagħat email lill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju sabiex il-Kunsill jara hux possibbli li l-librerija tiġi trasferita fl-ex skola Ġuże Galea.

58.1.7 Il-Viċi Sindku Donnha Barbara nfurmat li ġiet avviċinata minn Pullicin Developers dwar proġett propost ta' bini ta' parkeġġ fuq il-korsa tal-ilma tal-wied wara ċ-Ċimiterju. Il-Viċi Sindku tat spjega ta' dak kollu li ntqal lilha u jidher biċ-ċar li l-użu ta' dan il-parkeġġ se jkun esklussivament għar-residenti li jixtru propjeta' mingħand l-istess żviluppatur. Wara diskussjoni bejn il-membri ntlaħaq qbil li joġġezzjona għal dan il-proġett u jinfurma wkoll lill-Ministeru għall-Artijiet, Public Works, Il-Ministeru għall-Ambjent u l-Membri Parlamentari tad-Distrett.

58.1.8 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li ġie avviċinat mill-Għaqda Teatrali Narbona fejn infurmawh li fi Frar 2020 kienu organizzaw attivita' u għal raġunijiet varji baqgħu ma ppreżentawx l-invoices tal-ispejjeż relatati mal-attivita'. Is-Sindku ġie mitlub € 800. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li legalment mhux possibbli li jingħata refund ta' snin passati. Il-Kunsill qabel li jekk kemm-il darba jiġu ppreżentati l-irċevuti, bid-data tas-sena in kwistjoni, r-refund jingħata.

58.1.9 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento li aktar kmieni llum kellu laqgħa mal-kuntrattur tal-bankini fejn iddiskuta l-pjan ta' ħidma għax-xogħlijiet tal-bankini fil-lokalita'.

58.1.10 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li aktar kmieni llum is-Segretarju Eżekuttiv kellha meeting on site mal-Perit tal-Kunsill fil-Qormi Sports Complex. Ġew diskussi l-ideat ta' x'jista' jsir, fosthom tennis court u basket ball court, filwaqt li fiz-zona fejn hemm l-infants isiru 2 bandli. Is-Sindku nfurma li l-Perit se taħdem design u stima sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-proġett u jekk jintlaħaq qbil, japplika għall-iSkema Proġetti Kapitali Maġġuri li saru mill-Gvern Ċentrali.

58.1.11 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li tressqet applikazzjoni għall-iskema tar-Reġjun Żvilupp tal-letrini pubbliċi. Ippreżentajna proġett ta' sistema elettronika tad-dħul u ħruġ fit-tlett letrini li għandna fil-lokalita'.

58.1.12 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill għandu laqgħa ma' WastServ u Projects Green fejn se tkun qed tiġi diskussa l-handover tal-proġett tal-Wied minn WastServ għal għand Projects Green.

58.1.13 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li fix-xhur ta' Ottubru u Novembru se jibdew isiru attivitajiet bit-tema 'Diskussjoni fil-Pjazza b'temi soċjali li jolqtu direttament lir-residenti.

581.14 Is-Sindku nfurma li nhar il-Ħadd 30 ta' April fit-8.00p.m. se jinżamm kunċert SKALD mill-Malta Trust Foundation u ppropona li l-Kunsill jixtri 11-il biljett għall-membri tal-Kunsill u 2 biljetti għal kull għaqda lokali, sabiex jattendu għal dan il-kunċert. Il-biljetti jiswew € 21.40 each. Il-Kunsill qabel li dawk il-membri li jixtiequ jattendu għal dan il-kunċert jinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinxtara l-biljett għalih u mhux jinħarġu spejjeż żejda.

58.1.15 Is-Sindku fakkar li nhar l-Ġimgħa fis-6.30p.m. se tinżamm is-Serata Premju INT, fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill kellu jagħmel tibdil fil-post tal-attivita', li oriġinarjament kienet pjanata li tinżamm fi Triq Anglu Borg, iżda minħabba li hu mbassar riħ qawwi, l-attivita' se tinżamm fis-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li għal din l-attivita se jattendi l-E.T. il-President ta' Malta.

**58.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2022.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Martina Grech is-sekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet.

**58.3 Ħwejjeġ Oħra**

58.3.1 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li min rama l-iscaffolding għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl fi Triq San Pawl k/m Triq il-Wied, kisser l-isem tat-triq 'Triq il-Wied', liema isem kien taċ-ċeramika. Il-Kunsill qabel li jiġi ordnat street name ieħor u jitnaqqas mill-kont tar-restawratur.

58.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ppreżentat l-invoices relatati mal-ispejjeż tad-dwal tal-Milied u qed jitlobu li jingħataw aktar fondi minn dak approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba u approva biss l-ispiża oriġinali.

58.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Soċjeta' Filarmonika Pinto se tkun qed torganizza l-car show annwali fi Pjazza tal-Granmastru f'Mejju li ġej. Il-Kunsill approva li jħallas il-mobile toilets, barriers u uffiċjali tal-komunita'.

58.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċeviet korrispondenza mingħand Cini Marbles fejn ġew mitluba minn Paul Borg sabiex jagħmlu x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tal-Madonna tas-Sokkors. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Borg m'għandu l-ebda konnessjoni mal-Kunsill u m'għandu l-ebda awtorita' jikkummissjoni xogħlijiet f'isem il-Kunsill. Barra minhekk, jekk il-Kunsill ikkummissjona lilu biex jagħmel ix-xogħlijiet, ix-xogħlijiet jew jagħmilhom hu, jew inkella tinħareġ tender kif titlob il-liġi.

58.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva talba għall-finanzjament ta' lapida li tikkommemora lil Dun Ġwann Ċilia, ex kappillan tal-Parroċċa San Ġorġ li miet fl-Assedju l-Kbir fil-forti Sant'Iermu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li assi ta' dan it-tip għandhom isiru fil-lokalita' u mhux fi propjeta' ta' terzi. Il-Kunsill talab stima ta' din il-lapida proposta qabel ikun possibbli li jiddiskuti din it-talba.

**58.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fid-9.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 11 ta' Mejju 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum ___________________

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |